MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MIZZI

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2003

Numru. 612/2002

Il-Pulizija
(Sp Alexandra Mamo)
vs
Stephen Axiak, iben Angelo,
imwieled Pieta’ fit-2 ta’ marzu,
1978

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli f’dawn il-Gżejjer, matul dawn l-aħħar snin, bejn settembru, 2001 u ottubru, 2001, b’diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmulin b’risoluzzjoni waħda:
1. għamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet,

dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi, wara li kienu ġew iffirmati, inkella billi żied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew jippruvaw, u cioe', billi ffalsifika l-firma ta' Rachel Axiak Montebello u persuni oħra fuq cheque tal-HSBC plc pagabbli lil Rachel Axiak Montebello, u talli xjentement għamel użu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija hawn fuq;
2. xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;
3. b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra, sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti mmaġinarji, għamel qliegħ b'qerq li jammonta għal Lm298 għad-dannu ta' Rachel Axiak Montebello u persuni oħra.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali li ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi tratttat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' jannar, 2003 fejn il-parte ċivile nfurmat lill-Qorti li hi m'għandha ebda interess fil-kawza kontra l-ex żewġha billi hu ħallas dak kollu dovut.

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' jannar, 2003 fejn l-imputat ammetta l-ewwel u
it-tielet akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-rposekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkuża.  Issibu ħati tal-ewwel u tat-tielet akkuża miġjuba

kontra tiegħu. Rat l-artikoli 183, 184 u 308 tal-Kodiċi Kriminali. Rat
Il-fedina penali netta u il-fatt li dan il-każ kien jirrigwarda problemi familjari. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta bla kondizzjoni.

--------------------------------TMIEM--------------------------------